**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 28** **18 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar il-Ħamis, 18 ta' Novembru 2021 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier (5.50p.m.)

Frederick Aquilina – Kunsillier

Victor Caruana – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 27**

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Minuti 27, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 27 ġew approvati b'mod unanimu.

**28.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li għal Fun Run tal-President applikaw 118 parteċipant u tibda fl-10.00a.m. Is-Sindku nfurma li l-uffiċċju tal-President offra flixkun ilma għal kull parteċipant. Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa jekk f'każ ta' xita hux se tiġi posposta. Is-Sindku qal li tali deċiżjoni tittieħed biss mill-uffiċċju tal-President.

28.2.2 Il-Kunsillier Maria Magri nfurmat li l-attivita' relatata ma Achivers kienet tajba ħafna u rringrazzjat lill-kunsillier Eric Camilleri tax-xogħol li għamel sabiex dawn l-attivitajiet kienu suċċess.

28.2.3 Is-Sindku John Schembri fakkar li l-Ħadd 28 ta' Novembru hemm l-attivita' għal Għawdex, fejn it-tluq se jkun fis-6.00a.m. mill-pjazza.

28.2.4 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill Lokali rebaħ l-ewwel premju ta' € 50,000 taħt l-iskema European Mobility Week, Permanent Measure, fejn huwa ppjanat li jinxtara vann sabiex iservi bħala servizz ta' transport għall-anzjani u persuni b'diżabilita'.

28.2.5 Is-Sindku John Schembri nfurma li għada l-Ġimgħa, 19 ta' Novembru, fil-11a.m., se jsir il-varar ta' Proġett mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija flimkien mal-Ministeru għas-Solidarjeta' u l-Ġustizzja Soċjali, l-familja u d-Drittijiet tat-tfal fi Triq id-9 t'April u l-membri tal-Kunsill huma mistiedna jattendu.

28.2.6 Is-Sindku John Schembri nfurma li nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru fis-6.30p.m. se tinżamm il-laqgħa tal-lokalita' fis-sala tal-Kunsill.

28.2.7 Is-Sindku John Schembri nfurma li t-tender tal-Patching se tiġi evalwata it-Tlieta 23 ta' Novembru 2021.

28.2.8 Is-Sindku John Schembri nfurma li, wara 20 sena ta' stennija, x-xogħlijiet relatati mal-bini tal-ħajt fil-*buffer zone* f'Ħal Farruġ mistenni jitlesta lejn l-aħħar ta' Diċembru.

28.2.9 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalita tal-Ħajja se jkun qed jinvesti s-somma ta' €40,000 għall-proġett ieħor, li jinkludi mini pitch, fiz-zona ta' Ħal Farruġ u se jkun qed issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex isiru pjanti ġodda. Il-Kunsill min-naħa tiegħu se jkun qed jiddisponi mill-fondi tal-UDF.

**28.3 Komunikat mill-Kunsilliera**

28.3.1 Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa fhiex waslu x-xogħlijiet tal-letrina fi Triq Dun Pawl. Is-Sindku nfurma li -xogħlijiet mistennija jitkomplew fil-ġimgħat li ġejjin.

28.3.2 Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa dwar l-art f'Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri nfurma li se jsir proġett mill-Ministeru għall-Enerġija u mistenni jiġi ffirmat MoU mal-Kunsill Lokali.

28.3.3 Il-Kunsillier Victor Caruana fakkar sabiex jinbidlu l-bnadar ta' mal-faċċata tal-Kunsill.

28.3.4 Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa jekk hemmx xi pjanti aġġornati tal-proġett ta' Vjal l-Avjazzjoni.

**28.5 Stima PABX**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-sistema tal-PABX waslet biex tinbidel minħabba ħsarat li ġarrbet is-sistema. Għaldaqstant ippreżentat stima ta' GO plc, sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

Il-Kunsill approva din l-ispiża.

**28.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Victor Caruana ppropona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondant.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**28.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 9 ta' Diċembru fis-6.00p.m.

Konfermati, llum 9.12.21

John Schembri
Sindku

Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv